MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 387/2009

**Il-Pulizija.**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs.**

**Paul Demicoli et.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-appellant Paul Demicoli tat-30 t' Ottubru, 2009;

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-appellant Kevin Bonnici tat-2 ta' Novembru, 2009;

Rat ir-rikors intavolat mill-appellant Paul Demicoli fejn talab '*inter alia'* li dan l-appell jigi differit stante li qed jigi attakkat f' sede opportuna, cioe' l-Prim' Awla tal-Qorti

Civili, l-Avviz Legali 281/2004 fuq il-premessa li huwa *"ultra vires";*

Semghet it-trattazzjoni dwar dan ir-rikors fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2010;

Rat in- Nota ta' sottomissjonijiet ta' Paul Demicoli tal-14 ta' Jannar, 2010;

Rat in-Nota tal-istess Paul Demicoli prezentata wkoll fl-14 ta' Jannar, 2010, li biha esebixxa kopja tar-rikors ghall-urgenza li hu kien ipprezenta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (Sic!);

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali tal-20 ta' Jannar, 2010;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2010 u semghet trattazzjoni ulterjuri tal-punt in dizamina;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-appellant Demicoli tat-28 ta' Jannar, 2010;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-Avukat Generali tal-1 ta' Frar, 2010;

Fliet is-sentenza appellata biss fir-rigward tal-punt sollevat mid-difiza w cioe' ghar-riferenza li saret ghall-Avviz Legali 281/2004 u l-konsegwenzi li setghu ngibdu minn dan l-Avviz Legali biex il-Qorti waslet ghad-decizjoni ta' rejita' tal-appellant Demicoli;

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju li fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, fejn kienet qed tezamina r-responsabilta' penali tal-appellant Demicoli ghall-akkadut, hemm riferenza specifika ghall-Avviz Legali 281/2004, (fol. 165 sa 181), u jidher li bbazat il-konkluzzjoni taghha anki fuq dak li jiddisponi dan l-Avviz Legali, partikolarment fuq id-definizzjoni ta' ***"klient"*** li giet estiza oltre dak li kien hemm fil-ligi principali u fl-Avviz Legali 36 tal-2003. L-appellant

qed jikkontendi li tali twessiegh fid-definzzjoni ta' **"klient"** taht il-ligi li saret b' semplici Avviz Legali, kienet tmur oltre l-poteri ta' delega b' legislazzjoni sussidjarja kontemplata fil-ligi principali w cioe' l-Kap.424 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi hu minnu li kif jissottometti l-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti sabet htija anki ghab-bazi tal-fatt li skondha rrizulta li l-appellant Demicoli kien ukoll "***kuntrattur"*** barra milli kien ***"sid"*** skond ir-Regolamenti l-godda tal-2004, u li ghalhekk setghet issib htija tal-appellant qua ***"kuntrattur",*** pero' ladarba ghad mhux maghruf jekk din il-Qorti hix ser issib htija fl-appellant taht din il-vesti ta' ***"kuntrattur",*** hu importanti u rilevanti li jigi stabbilit f' dan l-istadju jekk jistax ukoll jew anki biss jinstab hati fil-vesti ta' ***"klient***" jew ***"sid"*** legalment.

Issa li giet intavolata il-kawza quddiem Qorti ohra w li dik il-kawza tista' talvolta tinfluwixxi fuq il-qafas legali li fuqu jrid jigi ezaminat il-kaz, din il-Qorti thoss u tqies li jkun aktar prudenti li tissoprassjedi milli tkompli tisma' dan l-appell sakemm ikun maghruf l-ezitu definittiv tal-proceduri quddiem il-Prim' Awla fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi, qed tissospendi temporanjament is-smiegh u trattazzjoni ulterjuri ta' dawn l-appelli fil-mertu sakemm ikun maghruf definittivament l-ezitu tal-proceduri tal-"*ultra vires*" gja intenati w konsegwentement qed tiddifferixxi l-kawza *"sine die",* riappuntabbli fuq rikors tal-Avukat Generali, appena jkun maghruf l-ezitu finali ta' dawk il-proceduri.

Pero' biex din il-Qorti tassikura ruha li tara li dawk il-proceduri inizjati mill-appellant qed jitmexxew bis-sollerzja w speditezza kollha, tordna lill-Avukat Generali li b' nota jesebixxi kopji ta' kull verbal tal-udjenzi li jsiru quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, man, mano li jkunu qed isiru l-udjenzi quddiem dik il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------